Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9701/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0202 (COD)**

SOC 362
ECOFIN 562
FSTR 31
COMPET 414
FIN 435
IA 172

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 380 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 380 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 380 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2018
COM(2018) 380 final

2018/0202 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)

{SEC(2018) 273 final} - {SWD(2018) 289 final}

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie inizjalment stabbilit għat-tul tal-perjodu ta' programmar 2007-2013 bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[1]. Ġie stabbilit biex jipprovdi lill-Unjoni bi strument għat-turija ta' solidarjetà ma' ħaddiema u għall-għoti ta' appoġġ lilhom wara li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija kkawżati mill-globalizzazzjoni u li s-sensji tagħhom għandhom impatt sinifikanti mhux mixtieq fuq l-ekonomija reġjonali jew lokali. Billi jikkofinanzja l-miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol, l-FEG jimmira li jiffaċilita li l-ħaddiema jerġgħu jibdew jaħdmu f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li ġarrbu xokk minn taqlib ekonomiku serju.

Fid-dawl tal-iskala u tar-ritmu mgħaġġel li bih żviluppat il-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-2008, il-Kummissjoni, fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku[2] tagħha, ħasbet li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Minbarra xi bidliet permanenti msejsa fuq l-ewwel snin ta' implimentazzjoni tal-FEG, l-għan ewlieni ta' din ir-reviżjoni[3] kien li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG jitwessa' mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011. Il-Kummissjoni riedet tippermetti li l-FEG ikun jista' juri s-solidarjetà tal-Unjoni u jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u biex iżid ir-rata ta' kofinanzjament minn 50 % għal 65 % u b'hekk jitnaqqas il-piż għall-Istati Membri.

Għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG ġie estiż bir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Dan l-għan ma kienx biex jiġi kopert biss l-ispostament tal-impjiegi li jirriżulta minn taqlib ekonomiku serju kkawżat minn kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, iżda wkoll biex tiġi koperta kwalunkwe kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida. Għalhekk, l-FEG seta' joffri wkoll assistenza f'każjiet ta' kriżi mhux mistennija li jwasslu għal taqlib serju fl-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali. Tali kriżijiet mhux mistennija, pereżempju, jistgħu jinkludu riċessjoni kbira fi sħab kummerċjali importanti jew kollass tas-sistema finanzjarja komparabbli ma' dik li seħħet fl-2008. Biex ikun żgurat li l-appoġġ tal-FEG kien disponibbli għall-ħaddiema irrispettivament mill-kuntratt tal-impjieg jew mir-relazzjoni tal-impjieg tagħhom, it-terminu "ħaddiema" ġie estiż. Dan kien ifisser li jiġu inklużi mhux biss ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg b'tul ta' żmien indefinit, bħal fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006, iżda wkoll ħaddiema b'kuntratti fuq perjodu fiss, ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u sidien maniġers ta' mikrointrapriżi kif ukoll ħaddiema għal rashom. Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi, l-Istati Membri setgħu jinkludu fl-applikazzjonijiet tal-FEG tagħhom l-istess numru ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) bħan-numru ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja. Dan kien fid-dawl tal-livell għoli tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, u l-fatt għaż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) kien saħansitra aktar diffiċli li jsibu impjieg fil-każ ta' tfixkil kbir fis-suq tax-xogħol, bħal dak ikkawżat minn avveniment ta' ristrutturar kbir.

---

[1] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

[2] COM(2008) 800 final, 26.11.2008.

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009, ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-għan primarju ta' din il-proposta huwa li jkun żgurat li l-FEG jibqa' jaħdem lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2020, mingħajr limiti taż-żmien għal dak il-perjodu, billi dan hu strument speċjali li jmur lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Biex ikun żgurat li l-FEG jibqa' strument validu fuq livell Ewropew, tista' tiskatta applikazzjoni għall-appoġġ tal-FEG għall-ħaddiema meta n-numru ta' sensji jilħaq limitu minimu. L-esperjenza mit-tħaddim tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 uriet li l-limitu ta' 250 sensja f'perjodu ta' referenza partikolari huwa rakkomandabbli, b'mod partikolari meta huwa possibbli li jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal numru aktar baxx ta' sensji fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-limitu ta' 250 huwa aktar baxx minn dak ta' matul il-perjodu ta' programmar 2014-2020. Dan għaliex hemm tendenza ġenerali li jseħħu inqas sensji fuq skala kbira ħafna, u minħabba li t-tkeċċija ta' 250 ħaddiem normalment tikkawża impatt sinifikanti fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni. Dan anki biex jiġi rikonoxxut il-fatt li f'ħafna Stati Membri, il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema huma impjegati minn intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[5] ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. Filwaqt li tqis ir-realtajiet li qed jinbidlu tad-dinja tax-xogħol, l-UE għandha tkun lesta għall-isfidi attwali u futuri tal-globalizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni. Dan ifisser li tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se jaġixxu bħala qafas gwida ġenerali tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), u se jippermettu li l-Unjoni tistabbilixxi l-prinċipji fil-prattika fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar.

Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji ta' investiment pluriennali nazzjonali tagħhom stess b'appoġġ għal dawk il-prijoritajiet ta' riforma. Dawk l-istrateġiji għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod biex jippreżentaw u jikkoordinaw il-proġetti ta' investiment ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali u/jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jimmassimizzaw il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li jkun riċevut b'mod partikolari mill-programmi appoġġati mill-Unjoni taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropew u InvestEU, kif rilevanti.

Id-dinja globalizzata tal-lum hi karatterizzata minn sehem dejjem akbar tal-interkonnettività u tal-interdipendenza tas-swieq dinjija. Minħabba l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, tal-bidla teknoloġika jew fatturi oħra bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, qed isir dejjem aktar diffiċli li jiġi identifikat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjiegi. Paradossalment, minħabba dawn it-tendenzi reċenti fil-globalizzazzjoni, taħt l-FEG li ma nbidilx x'aktarx ikun hemm inqas applikazzjonijiet u użu. Il-fatt li l-inċidenza ta' każijiet ta' ristrutturar fuq skala kbira ħafna (li jinvolvu aktar minn 500 sensja) kienet kunsiderevolment inqas matul dawn l-aħħar għaxar snin x'aktarx li tħalli impatt ulterjuri fuq l-użu tal-fond. Għalhekk, fil-futur, l-FEG se jiġi mobilizzat biss meta avveniment ta' ristrutturar ikollu impatt sinifikanti, li huwa ddefinit bil-limitu minimu ta' 250 ħaddiem spostat imsemmija hawn fuq.

[5] http://ec.europa.eu/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/towards-european-pillar-social-rights_mt.

Minkejja li għad hemm livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, l-esperjenza wriet li strumenti oħra jistgħu jkunu aktar xierqa biex jipprovdu assistenza lil NEETs, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew. L-irbit tal-assistenza liż-żgħażagħ ma' applikazzjoni tal-FEG jista' jitqies bħala t-trawwim l-inugwaljanza, għax jeskludi l-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ li jeħtieġu l-għajnuna.

Il-fokus tal-FEG huwa fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida f'impjieg stabbli tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Simili għar-Regolament (KE) Nru 1309/2013, din il-proposta tistipula li l-FEG jikkontribwixxi finanzjarjament għal pakkett ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn il-miżuri se jimmiraw primarjament biex jipprovdu appoġġ magħmula apposta biex jgħinu r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol, iżidu l-enfasi fuq il-kisba tal-ħiliet diġitali u jappoġġaw il-mobbiltà kull meta jkun rilevanti. L-FEG ma jistax jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri passivi. L-allowances jistgħu jkunu biss inklużi jekk ikunu mfassla bħala inċentivi biex ikun eħfef li l-ħaddiema li ngħataw is-sensja jipparteċipaw fil-miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol. Biex ikun żgurat bilanċ raġonevoli bejn il-miżuri reali tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol u allowances "attivati", is-sehem ta' allowances f'pakkett ikkoordinat ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol huwa limitat.

L-FEG se jibqa' wieħed mill-istrumenti speċjali li jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti, u għalhekk qed jitqiegħed barra l-limiti massimi baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali. Madankollu, l-effettività tiegħu sofriet mill-ħtieġa ta' proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet twil u proċedurali. It-tqassir kemm jista' jkun possibbli taż-żmien bejn in-notifika tas-sensji u l-pagament reali ta' assistenza possibbli tal-FEG, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, għandhom ikunu ta' interess komuni għall-partijiet kollha involuti fil-proċess tal-FEG: L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jissottomettu applikazzjoni kompluta minnufih ladarba l-kriterji rilevanti jkunu ntlaħqu; il-Kummissjoni għandha tevalwa u tiddeċiedi dwar l-eliġibbiltà ftit wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, u l-awtorità baġitarja għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar l-għoti tal-finanzjament tal-FEG malajr.

Peress li l-applikazzjonijiet se jkunu bbażati għalkollox fuq jekk l-avveniment ta' ristrutturar għandux jew le impatt sinifikanti, iddefinit minn limitu ta' 250 ħaddiem spostat, ir-rekwiżiti estensivi tal-applikazzjoni tal-perjodi ta' programmar attwali u preċedenti, li spiss żammew lill-Istati Membri milli japplikaw, se jitħallew barra. Għalhekk, il-piż amministrattiv fuq l-Istat Membru se jitnaqqas meta japplika u fuq il-Kummissjoni meta tivverifika l-eliġibbiltà. Hekk id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni ssir ferm aktar faċli u aktar malajr.

L-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-fond uriet li l-Istati Membri jitolbu l-mobilizzazzjoni tiegħu biss f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza reali. Minkejja li bħalissa l-limitu huwa ta' 500 ħaddiem spostat, l-applikazzjonijiet ivarjaw ħafna, minn 108 għal 6120 ħaddiem li tilfu l-impjieg tagħhom matul il-perjodu ta' referenza[6]. Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' numru potenzjalment akbar ta' applikazzjonijiet tal-FEG, l-FEG se jopera b'ammont[7] annwali massimu ogħla u l-perjodu ta' referenza se jitqassar ukoll minn disa' xhur għal sitta (fil-qafas ta' applikazzjonijiet settorjali). Minkejja li hu mistenni użu akbar tal-fond u huwa r-raġuni

[6] Għall-bidu l-limitu kien ta' 1000 impjieg spostat matul il-perjodu ta' finanzjament 2007-2013. Il-limitu minimu ta' 500 impjieg spostat ma ħoloqx żieda kbira fl-applikazzjonijiet matul il-perjodu ta' finanzjament 2014-2020. Madankollu, bosta applikazzjonijiet użaw il-klawżola ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, u bbażaw l-applikazzjoni fuq numru iżgħar ta' ħaddiema ssensjati, billi dawn is-sensji kellhom impatt sinifikanti fuq ir-reġjun ikkonċernat.

[7] L-użu tal-fond ta' għajnuna ta' emerġenza jiddependi min-numru ta' emerġenzi, li diffiċli li jiġu previsti. F'każ ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku jwassal għal użu sħiħ, jkun meħtieġ li jiġu diskussi l-konsegwenzi possibbli waqt ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

għala tneħħew l-ostakli li jxekklu l-użu tiegħu, ma jidhirx li hemm riskju ta' użu eċċessiv ta' dan il-fond mill-Istati Membri.

Biex ikunu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu fil-bidu tas-sena, il-Kummissjoni se tkompli tipproponi ammont minimu f'pagament ta' approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja rilevanti fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali.

L-assistenza mill-FEG se tkun komplementari għall-isforzi tal-Istati Membri, fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Għal raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja soda, l-FEG ma jistax jieħu post miżuri li huma diġà koperti mill-Fondi u l-Programmi tal-Unjoni inklużi fil-qafas finanzjarju pluriennali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG lanqas ma tista' tieħu post miżuri nazzjonali jew miżuri li huma fir-responsabbiltà tal-kumpaniji li jagħtu s-sensja skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Il-proċedura baġitarja fil-proposta ssegwi direttament mill-punt 9 tal-abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali. Kull meta huwa possibbli, il-proċess se jitqassar u se jiġi ssimplifikat.

Billi l-miżuri kofinanzjati mill-FEG huma implimentati permezz ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri, il-mekkaniżmu tal-pagament għall-kontribuzzjoni finanzjarja se jibqa' konformi mal-mekkaniżmu applikat għal dan il-mod ta' ġestjoni tal-baġit tal-Unjoni. Fl-istess ħin, l-arranġamenti finanzjarji għandhom jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li jkunu se jitwettqu mill-Istati Membri kif propost fl-applikazzjonijiet tagħhom.

Biex tiġi evitata kwalunkwe kompetizzjoni bejn l-istrumenti, ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG tiġi allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fl-Istat Membru rispettiv.

Din il-proposta ġenerali tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Kif indikat fil-"Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"[8], l-FSE+ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) se jibqgħu jipprovdu finanzjament għal azzjonijiet strutturali għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Kemm l-FSE+ kif ukoll l-FEŻR jikkonsistu minn programmi pluriennali b'appoġġ għal miri strateġiċi u fit-tul, bħall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturar. L-FEG, min-naħa tiegħu, huwa stabbilit biex jipprovdi appoġġ f'ċirkostanzi eċċezzjonali u 'l barra minn rutina ta' pprogrammar pluriennali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar" (QFR)[9], huwa l-istrument tal-politika tal-UE li jipprovdi l-qafas għall-aħjar prattika biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Il-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjiegi tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Il-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar jistieden lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li

8 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1527965343228&uri=CELEX:52018DC0098

9 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013)

jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjiegi, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv. L-istrumenti ewlenin tal-UE li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-FSE+, li huwa maħsub biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FEG, li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija b'mod reattiv.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tistabbilixxi għan aktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tal-klima fil-programmi kollha tal-UE, flimkien ma' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-fond għall-kisba ta' din il-mira ġenerali se tiġi mmonitorjata permezz ta' sistema li timmarka l-klima tal-UE f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi fejn dawn ikunu disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz tal-baġit annwali.

Biex tappoġġa l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-fond li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima, il-Kummissjoni se tfittex li tidentifika l-azzjonijiet rilevanti fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni, fir-reviżjoni u fil-proċessi ta' evalwazzjoni tal-fond.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175.

Jekk jinħass il-bżonn li jkun hemm azzjonijiet speċifiċi barra l-Fondi Strutturali u bla preġudizzju għall-miżuri deċiżi fil-qafas tal-politika l-oħra tal-Unjoni, l-Artikolu 175(3) jippermetti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu azzjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq attivitajiet li l-objettivi tagħhom ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Il-mobilizzazzjoni tal-FEG sabiex jikkofinanzja miżuri mmirati biex jgħinu lill-ħaddiema spostati jsibu impjieg ġdid tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, u toħloq valur miżjud Ewropew.

Hija prattika standard fil-programmi nazzjonali tas-suq tax-xogħol li jgħinu lill-ħaddiema spostati, u mhuwiex l-għan tal-FEG li jissostitwixxi tali programmi. Madankollu, avvenimenti ta' ristrutturar mhux mistennija li jikkawżaw impatt sinifikanti jistgħu jittestjaw il-limiti ta' dak li l-programmi nazzjonali regolari kapaċi jagħmlu. Għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti ta' avvenimenti ta' ristrutturar ta' skala kbira mhux mistennija, u billi l-FEG huwa espressjoni ta' solidarjetà fost l-Istati Membri, l-għoti ta' assistenza jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Il-mobilizzazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se teħtieġ il-ftehim taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, u għalhekk tkun espressjoni tas-solidarjetà tal-Unjoni u tal-Istati Membri. B'dan il-mod, il-proposta se tgħin biex l-għan ta' solidarjetà tal-Unjoni jsir aktar tanġibbli f'ċirkostanzi eċċezzjonali għal dik il-parti tal-forza tax-xogħol partikolarment milquta u għaċ-ċittadini tal-Unjoni inġenerali. Għalhekk, l-intervent tal-Unjoni se jkun limitat għal dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi li juru solidarjetà tal-Unjoni ma' ħaddiema spostati.

Il-mobilizzazzjoni tal-FEG toħloq valur addizzjonali meta mqabbla mal-azzjoni tal-Istati Membri waħedhom. Il-miżuri kofinanzjati mill-FEG mhux biss iżidu n-numru totali ta' servizzi offruti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja, imma b'mod speċjali wkoll il-varjetà ta' servizzi offruti u l-livell tal-intensità tagħhom. Barra minn hekk, il-mobilizzazzjoni tal-FEG toħloq effetti fit-termini tar-rwol. Dawn huma relatati ma' kemm l-ideat innovattivi jistgħu jiġu ttestjati, l-aħjar prattiki identifikati u inkorporati fil-pakkett regolari tal-forniment. Miżuri kofinanzjati mill-FEG jikkontribwixxu wkoll għat-titjib ġenerali fil-proċessi ta' twassil.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. L-obbligi imposti fuq l-Istati Membri jirriflettu l-bżonn li tingħata għajnuna lill-ħaddiema affettwati sabiex jadattaw irwieħhom għal ċirkostanzi li qed jinbidlu u biex jerġgħu lura fl-impjieg b'mod mgħaġġel. Il-piż amministrattiv fuq l-Unjoni u fuq l-awtoritajiet nazzjonali ġie limitat għal dak li huwa meħtieġ mill-Kummissjoni biex teżerċita r-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Peress li l-kontribuzzjoni finanzjarja ssir lill-Istat Membru skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, l-Istat Membru se jintalab jirrapporta dwar kif intużat il-kontribuzzjoni finanzjarja.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa minħabba r-raġuni li ġejja: l-għan li tintwera solidarjetà fil-livell tal-Unjoni jista' jinkiseb biss permezz ta' strument legali direttament applikabbli.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Evalwazzjoni *ex post* tar-Regolament eżistenti trid issir sal-31 ta' Diċembru 2021. Madankollu, twettqet evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG 2014-2020[10], u tqiesu r-riżultati.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG 2014-2020 tissuġġerixxi li t-tfassil tal-FEG jeħtieġ jitjieb. Jenħtieġ li jiġu indirizzati diversi sfidi għall-futur:

Rigward il-kamp ta' applikazzjoni, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati mwettqa għall-evalwazzjoni juru li t-tfassil tal-FEG jenħtieġ li jiġi rivedut jew definit aħjar. Dan jinkludi aspetti bħalma huma l-kamp ta' applikazzjoni eżatt tal-Fond u l-kriterji li jiskattaw l-użu tiegħu. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kwalunkwe avveniment ta' ristrutturar irid ikollu impatt sinifikanti fuq l-ekonomija u s-suq tax-xogħol biex tiġi ġġustifikata l-mobilizzazzjoni tal-assistenza tal-FEG. Madankollu, il-kunċett ta' "impatt sinifikanti" mhuwiex definit b'mod ċar. Dan jgħodd speċjalment għal sensji iżgħar li jaqgħu taħt il-limitu attwali ta' 500 ħaddiem li ngħataw is-sensja (rilevanti għal 2014-2020). Pereżempju, fiż-żoni rurali dawn il-każijiet jistgħu jkunu eliġibbli taħt il-klawżola ta' deroga speċifikata fl-

10 Rapport mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) (COM(2018) 297 final, 16.5.2018), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) (SWD(2018) 192 finali, 16.5.2018) li jakkumpanjah.

Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-FEG, iżda l-Istati Membri mhumiex ċerti kif jistgħu jagħtu prova tal-impatt sinifikanti. Għalhekk, ħafna implimentaturi jissuġġerixxu limitu aktar baxx.

Lanqas it-termini "globalizzazzjoni" u "kriżi" mhuma definiti b'mod ċar. Ta' sikwit l-Istati Membri ma jkunux ċerti taħt liema kriterju għandhom jissottomettu applikazzjoni. L-identifikazzjoni ta' xiex effettivament skatta l-għoti ta' sensji biex wieħed jara jekk jistax jikkwalifika bħala applikazzjoni potenzjali, u li dan jiġi ppruvat f'applikazzjoni huwa meqjus regolarment bħala wieħed mill-ostakoli ewlenin biex Stat Membru japplika. Fid-dawl ta' dawn id-diffikultajiet, u meta wieħed iqis li aktar impjiegi qegħdin jintilfu minħabba l-bidla teknoloġiku (f'dawn il-każijiet il-ħaddiema ssensjati jaffaċċjaw l-istess sfidi bħal dawk issensjati minħabba l-globalizzazzjoni, peress li l-ħiliet tagħhom isiru antikwati jew skaduti), soluzzjoni possibbli tista' tkun li fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġu inklużi l-avvenimenti ta' ssensjar kollha fuq skala kbira li jikkawżaw impatt sinifikanti. L-evalwazzjoni tissuġġerixxi li dan jagħmel l-FEG aktar rilevanti u aktar adattat għall-isfidi ekonomiċi futuri, u anke aktar ġust, peress li ma jiffokax fuq grupp speċifiku ħafna ta' ħaddiema spostati. Tali bidliet iwasslu għal użu aktar bilanċjat tal-FEG, li jestendi l-potenzjal tiegħu għall-Istati Membri tal-UE-13 (bħalissa dawn l-Istati Membri ma jużawx l-FEG ta' spiss). Il-piż tal-għoti ta' evidenza għal applikazzjoni biex jiġi ppruvat li l-impjiegi mitlufa kienu kawża tal-globalizzazzjoni jew ta' kriżi se jiġi eliminat. Minħabba li dan huwa wkoll wieħed miż-żewġ passi li jieħdu l-aktar ħin fil-fażi tal-applikazzjoni, din is-simplifikazzjoni tħaffef il-mobilizzazzjoni tal-assistenza tal-FEG bi ftit ġimgħat, peress li mhux se jibqa' jkun hemm bżonn ta' verifiki ewlenin dwar l-isfond. Kamp ta' applikazzjoni usa' u limitu aktar baxx joffru wkoll aktar possibbiltajiet għal Stati Membri iżgħar li japplikaw għall-assistenza.

F'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar, l-evalwazzjoni kkonkludiet li sabiex tiġi analizzata aktar l-effettività tal-FEG, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiġbru data ta' monitoraġġ aktar dettaljata, speċjalment dwar il-kategorija ta' ħaddiema (sfond professjonali u edukattiv), l-istatus tal-impjieg tagħhom u t-tip ta' impjieg misjub.

Jidher li l-FEG jenħtieġ li jkun allinjat aħjar ma' politiki oħra tal-UE. L-evalwazzjoni tissuġġerixxi li l-assistenza tal-FEG tiġi inkorporata aktar mill-qrib fil-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar" u li jiġi mfassal approċċ aktar ikkoordinat kemm għall-miżuri preventivi b'antiċipazzjoni ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, kif ukoll ta' miżuri reattivi ta' darba bħal dawk attwalment kofinanzjati mill-FEG. Dan jista' jfisser it-twessigħ tal-firxa ta' attività tal-FEG, jew l-iżvilupp ta' approċċ koordinat aktar mill-qrib flimkien ma' strumenti oħrajn tal-UE bħall-FSE+. Għalkemm id-disinn tal-istrument juri komplementarjetà ċara tal-fondi, l-Istati Membri jistgħu jinkorporaw aħjar l-assistenza tal-FEG f'pakkett komprensiv ta' assistenza għar-ristrutturar. It-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol jeħtieġu investimenti intensivi fil-kapital uman, kemm fil-forma ta' miżuri antiċipattivi proattivi kif ukoll ta' miżuri reattivi.

Matul il-perjodu ta' programmar 2014-2020, huwa possibbli li, taħt ċerti ċirkostanzi, f'applikazzjoni FEG jiġi inkluż l-istess numru ta' NEETs bħan-numru ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa u se jibqa' sfida kbira. Barra minn hekk, l-esperjenza turi li jekk l-assistenza tal-FEG tiġi offruta lin-NEETs, din tintuża fil-parti l-kbira minnha. Madankollu, l-evalwazzjoni tissuġġerixxi li wieħed għandu jaħseb dwar jekk l-FEG huwiex il-mezz ġust biex tingħata din l-assistenza jew jekk kanali oħrajn joffrux aktar possibbiltajiet li jintlaħqu ż-żgħażagħ ikkonċernati. Jista' jitqies li mhuwiex ġust li tingħata għajnuna biss lin-NEETs f'reġjuni affettwati minn ristrutturar kollettiv ikkawżat mill-globalizzazzjoni jew mill-kriżi finanzjarja, iżda mhux lil dawk f'reġjuni affettwati mill-awtomatizzazzjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, inklużi konsultazzjonijiet miftuħa bbażati fuq l-internet, konsultazzjonijiet immirati, laqgħat tal-grupp ta' fokus, kienu elementi ewlenin tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija qabel kif ukoll tal-valutazzjoni tal-impatt imsemmija hawn taħt.

Il-Kummissjoni wettqet ukoll avvenimenti tal-partijiet ikkonċernati fejn ġew diskussi bidliet possibbli tat-tfassil tal-FEG wara l-2020. Dawn id-diskussjonijiet saru matul il-Laqgħat u s-Seminars regolari ta' Netwerking tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG f'Ottubru 2017 u f'Marzu 2018, kif ukoll matul Laqgħa straordinarja tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG f'Jannar 2018, li kienet iddedikata kompletament għad-diskussjonijiet ta' wara l-2020.

B'mod ġenerali, il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ma kinux differenti mill-fehmiet tal-Kummissjoni, u huma riflessi f'din il-proposta.

- **Għarfien espert estern**

Waqt it-tħejjija tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni tat kuntratt għal studju ta' evalwazzjoni lil konsulent estern.

Bl-istess mod, waqt it-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tat kuntratt għal studju lil konsulent estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt. Din il-valutazzjoni tal-impatt, li hija parti mill-proposti regolatorji tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, tkopri dan li ġej:

  – il-Fond Soċjali Ewropew (FSE – wieħed mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (fondi SIE)) u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI);
  – il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);
  – il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG);
  – il-Programm tas-Saħħa tal-UE; kif ukoll
  – il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI).

L-għażliet li ġejjin ġew ivvalutati għall-fondi koperti mill-valutazzjoni tal-impatt:

**Għażla 1**: *l-amalgamazzjoni tal-FSE, l-YEI, l-FEAD, l-EaSI, il-Programm tas-Saħħa tal-UE.*

– Din kienet l-għażla ppreferuta abbażi kemm tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet u kemm tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Fil-fehma tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, integrazzjoni wiesgħa tal-fondi tista' ttejjeb il-kapaċitajiet tagħhom biex jissimplifikaw l-intervent strateġiku tagħhom fl-ambitu tal-politika soċjali. Dan itejjeb il-flessibbiltà tagħhom fl-interventi tal-ippjanar, u jiffaċilita t-twettiq tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-benefiċjarji kkonfermaw li għad hemm potenzjal mhux sfruttat biex jissaħħu s-sinerġiji bejn il-programmi u l-proġetti ffinanzjati;

**Għażla 2:** *l-amalgamazzjoni tal-FSE, l-YEI, l-FEAD, l-EaSI, il-Programm tas-Saħħa tal-UE u l-FEG.*

– Dan jirriżulta biss fi tnaqqis artifiċjali tan-numru ta' fondi. L-objettivi speċifiċi ħafna, il-viżibbiltà politika għolja u l-flessibbiltà baġitarja tal-FEG jintilfu jekk jiġi amalgamati mal-FSE+. Dan ġie kkonfermat mill-partijiet ikkonċernati fil-qafas tal-proċess ta' konsultazzjoni[11];

**Għażla 3:** l-amalgamazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża (jiġifieri esklużi l-EaSI u l-programm dwar is-Saħħa tal-UE, iżda inkluż l-FEG) -

– Dan ifisser li l-viżibbiltà għolja tal-FEG bħala strument ta' emerġenza fil-livell tal-UE jiġi sagrifikat biex jittaffew l-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni. Il-flessibilità u s-sinerġiji potenzjali li jistgħu jinkisbu mill-amalgamazzjoni tal-EaSI fl-FSE+ jintilfu;

**Għażla 4:** *l-FEAD jinżamm bħala fond separat, iżda ż-żewġ tipi ta' programmi FEAD (għajnuna materjali u l-inklużjoni soċjali) jiġu amalgamati*

– Dan jippermetti aktar sinerġiji bejn it-tipi ta' appoġġ għall-assistenza materjali bażika u l-miżuri ta' inklużjoni soċjali filwaqt li jinżammu r-regoli ta' implimentazzjoni attwali. Madankollu ma tiżgurax demarkazzjoni adegwata fir-rigward tat-tip ta' miżuri ta' inklużjoni soċjali tal-FSE;

**Għażla 5:** *l-amalgamazzjoni tal-fondi SIE kollha*

– Din ifixkel it-twettiq tal-politika, peress li ma jkunx possibbli li jiġu adattati r-regoli ta' implimentazzjoni għar-rekwiżiti speċifiċi tal-politiki appoġġati. Lanqas ma jiżdiedu s-sinerġiji u l-koerenza ma' fondi oħra tal-kapital uman.

Il-valutazzjoni tal-impatt kienet eżaminata mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB), li ta opinjoni pożittiva b'riżervi. L-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (l-RSB) hija disponibbli taħt Ares(2018)2265999. Il-kummenti tal-RSB ġew ikkunsidrati. Il-kummenti rilevanti għall-FEG kienu jikkonċernaw prinċipalment l-ispjegazzjoni tar-raġunament fundamentali tal-FEG. L-RSB issuġġerixxa wkoll preneżtazzjoni aktar preċiża tal-modalitajiet tal-użu tal-FEG, u analiżi aktar dettaljata dwar kemm il-bidliet proposti jindirizzaw il-problemi identifikati. L-RSB irrakkomanda wkoll li jiġu stabbiliti r-raġunijiet għala l-FEG jenħtieġ li jinżamm barra l-qafas finanzjarju pluriennali b'mod aktar ċar.

L-aħħar proposta ta' politika ma tiddevjax mis-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt. L-aktar sejba importanti rigward l-FEG hija li, bħala fond ta' għajnuna ta' emerġenza, l-FEG jenħtieġ li jibqa' barra l-limiti massimi baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali. Il-fondi ta' emerġenza mhux mistennija li jassorbu baġit speċifiku. Għalhekk, li jkun fil-qafas finanzjarju pluriennali ifisser il-maqlub, jiġifieri li jkollu baġit speċifiku li l-fond huwa mistenni li jonfoq, u dan jibdlu f'għodda ta' għajnuna għar-ristrutturar regolari. Madankollu, li jkun barra l-qafas finanzjarju pluriennali jimplika proċedura ta' mobilizzazzjoni twila, li jmur kontra l-funzjoni tiegħu bħala fond ta' għajnuna ta' emerġenza. Għalhekk, il-proċedura ta' mobilizzazzjoni jenħtieġ li titħaffef u tiġi simplifikata. Il-valutazzjoni tal-impatt tisħaq l-importanza ta' limitu aktar baxx u kamp ta' applikazzjoni usa' tal-FEG.

- **Simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

---

[11] Ara l-istudju li jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt tal-investimenti fil-kapital uman, DĠ EMPL (għaddejja bħalissa): *"The integration of EGF in framework of other DG EMPL funds was generally not deemed desirable by the different stakeholders involved in the management of EGF."(L-integrazzjoni fil-qafas tal-FEG ta' fondi oħra tad-DĠ EMPL ġeneralment ma kinetx mixtieqa mill-partijiet ikkonċernati differenti involuti fil-ġestjoni tal-FEG.)*

- **Drittijiet fundamentali**

mhux applikabbli

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-FEG huwa wieħed mill-istrumenti speċjali mhux inklużi fil-livelli massimi baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali, b'ammont annwali massimu ta' EUR 200 miljun (fi prezzijiet tal-2018) mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Il-funzjonament tiegħu huwa rregolat mill-punt 9 tal-Abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar amministrazzjoni finanzjarja soda.

Ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa huma stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-FEG se jissaħħaħ bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet għal sistema ta' monitoraġġ komuni b'indikaturi tal-output u tar-riżultati fir-Regolament dwar l-FEG. Is-suċċess se jitkejjel primarjament permezz ta' rati ta' impjieg mill-ġdid, jiġifieri s-sehem tan-nies li sabu impjieg wara li jkunu rċivew assistenza tal-FEG.

L-Istati Membri se jintalbu jinkludu t-twassil ta' indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati fil-kuntratti tagħhom mal-korpi ta' implimentazzjoni. Ir-rekwiżiti introdotti bħalissa fid-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-FEG se jkunu inkorporati fir-Regolament dwar l-FEG, jiġifieri d-data dwar l-istatus fl-impjieg tal-benefiċjarji jenħtieġ li tintbagħat meta l-Istat Membru rispettiv jissottometti r-rapport finali sena wara. Din tinkludi wkoll informazzjoni dwar it-tip u l-kwalità tal-impjiegi (pereżempju permanenti/mhux permanenti) u bidliet fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji fi tmiem l-operazzjonijiet (pereżempju l-kwalifiki miksuba). Se jkun meħtieġ li d-data miġbura tissejjes fuq stħarriġiet u data pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali. Dan se jippermetti l-valutazzjoni tal-limitu sa fejn l-assistenza għenet biex ittejjeb l-impjegabbiltà tal-benefiċjarji u biex tbiddel l-istatus fl-impjieg tagħhom, sabiex jiġi determinat jekk il-fond huwiex qed jaħdem b'mod effettiv.

Fid-dawl tas-sejbiet tal-evalwazzjonijiet preċedenti u r-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, se jiġi introdott l-iffissar ta' miri speċifiċi għall-każ. Dawn il-miri jenħtieġ li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi ta' każ u l-limitu sa fejn il-każijiet tal-passat huma komparabbli. Il-miri jenħtieġ li jirreferu għar-rati ta' integrazzjoni mill-ġdid tal-benefiċjarji. Dawn huma meħtieġa għall-finijiet ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, iżda mhumiex marbutin b'mekkaniżmi ta' penali jew pagamenti bbażati fuq ir-riżultati. Sitwazzjonijiet ta' emerġenza jistgħu jkunu kkaratterizzati mill-fatt li jseħħu b'mod mhux mistenni, ta' spiss f'ambjenti imprevedibbli li jinbidlu malajr. Il-pagamenti bbażati fuq ir-riżultati jkunu ġusti biss jekk ir-riżultati jkunu jistgħu jiġu attribwiti direttament għall-assistenza mogħtija u ma jkunux jiddependu ħafna wkoll minn fatturi esterni. Madankollu, fir-rapporti finali, l-Istati Membri se jkollhom jipprovdu analiżi motivata dwar kemm intlaħqu l-miri. L-evalwazzjonijiet urew li l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati qatt ma kienet kwistjoni fiha nnifisha. Li n-nies jerġgħu jsibu impjieg u/jew iżidu l-impjegabbiltà tagħhom dejjem kienu l-ikbar tħassib għall-Istati Membri. Madankollu, mhux dejjem kien possibbli li jitkejlu r-riżultati minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tad-data.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEG uriet li l-evalwazzjonijiet futuri jenħtieġ li jiġu skedati sabiex jiġi żgurat li hemm biżżejjed data disponibbli. Għalhekk, b'konformità mal-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar, iż-żmien tal-evalwazzjonijiet futuri se jiġi allinjat aħjar maċ-ċiklu ta' implimentazzjoni tal-FEG. Dan ifisser li kull erba' snin trid titlesta evalwazzjoni.

L-evalwazzjonijiet se jitwettqu skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-13 ta' April 2016[12], fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet ta' leġiżlazzjoni u politika eżistenti għandhom jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' għażliet għal azzjoni ulterjuri. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-programm fuq il-post abbażi tal-indikaturi/il-miri tal-programm u analiżi ddettaljata dwar kemm il-programm jista' jitqies rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħra tal-UE. Dawn se jinkludu t-tagħlimiet meħuda biex jiġu identifikati kwalunkwe nuqqas/problema jew kwalunkwe potenzjal għal titjib ulterjuri tal-azzjonijiet jew tar-riżultati tagħhom u biex jgħin l-isfruttament/l-impatt massimizzat tagħhom.

Il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta kull sentejn dwar l-attivitajiet tal-Fond.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikoli 2 u 3 tal-abbozz ta' Regolament propost stabbilew il-missjoni u l-objettivi tal-FEG. Bħala bidla għar-Regolament dwar l-FEG (UE) 1309/2013 attwali, il-missjoni tinkludi espliċitament ir-rwol tal-FEG li jikkontribwixxi għall-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Barra minn hekk, fl-objettivi jidher ċar li l-FEG jenħtieġ li jindirizza kull tip ta' avveniment ta' ristrutturar kbir mhux mistenni, billi il-Fond ikun aktar adattat għall-isfidi ekonomiċi attwali u futuri.

Il-kriterji ta' intervent huma stabbiliti fl-Artikolu 5. Il-limitu propost tas-sensji huwa ta' mill-inqas 250 ħaddiem spostat, filwaqt li fir-Regolament attwali huwa ta' mill-inqas 500 ħaddiem spostat. Dan bex jirrifletti aħjar ir-realtajiet f'bosta reġjuni, fejn l-okkorrenza ta' ristrutturar li jinvolvu 250 ħaddiem spostat għandha impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol. Dan biex jirrifletti wkoll li b'mod ġenerali, is-sehem ta' sensji fuq skala kbira ħafna qiegħed jonqos. Ġiet miżjuda dispożizzjoni ġdida, li tippermetti lill-Istati Membri japplikaw għal assistenza tal-FEG jekk is-sensji jseħħu fl-istess reġjun, iżda f'setturi ekonomiċi differenti. Speċjalment għal reġjuni inqas popolati, mewġa ta' sensji f'diversi setturi, li sseħħ matul l-istess perjodu ta' żmien, jista' jkollha impatti sinifikanti ħafna fuq is-suq tax-xogħol. Ġiet miżjuda dispożizzjoni ġdida li tistabbilixxi li l-FEG, bħala fond orjentat lejn il-kummerċ, ma jistax jiġi mobilizzat jekk is-sensji tas-settur pubbliku jkunu konsegwenza diretta tat-tnaqqis baġitarju pubbliku. Dan ukoll biex jirrifletti l-fatt li l-FEG ma jagħti l-ebda għajnuna lill-intrapriża li tat is-sensji, li f'dan ix-xenarju huma l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru li japplika għall-assistenza tal-FEG.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi l-miżuri eliġibbli. Bħala bidla għar-Regolament attwali, l-inklużjoni tad-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali hija obbligatorja. Fid-dawl tar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol, dan jitqies bħala rekwiżit neċessarju. Il-miżuri offruti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet personali u l-kwalifiki tal-benefiċjarju.

L-assistenza teknika mill-Kummissjoni għandha tappoġġa kull miżura neċessarja biex jiġi implimentat ir-Regolament propost. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament propost, dan jista' jitla' sa ammont li huwa ugwali għal 0.5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG. Dan huwa ogħla minn dak fil-perjodu ta' programmar attwali, peress li assistenza speċifika se tingħata

---

[12] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

lill-Istati Membri li huma inqas esperjenzati fl-implimentazzjoni tal-FEG jew fl-assistenza ta' ristrutturar bħala tali. Dan jinkludi wkoll miżuri addizzjonali biex jiżdied in-netwerking u l-iskambju ta' prattika tajba bejn l-Istati Membri.

Il-perjodu standard għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG se jibqa' dak ta' 24 xahar. Madankollu, l-Artikolu 15 tar-Regolament propost jistipula li l-24 xahar għandhom jingħaddu miż-żmien li fih tiġi adottata d-deċiżjoni biex jiġi mobilizzat l-FEG u mhux mid-data tal-applikazzjoni għall-appoġġ tal-FEG. Dan għandu jirrifletti l-fatt li ħafna Stati Membri għandhom proċeduri baġitarji fis-seħħ li ma jippermettulhomx jieħdu r-riskju u jiffinanzjaw bil-quddiem tali miżuri, mingħajr ma jkunu jafu jekk l-assistenza hix se tingħata tassew. Madankollu, jekk Stat Membru jkun lest li jieħu r-riskju, il-miżuri huma eliġibbli miż-żmien li fih jitħabbru s-sensji, bħalma huwa l-każ fir-Regolament attwali.

L-Artikolu 16 tar-Regolament propost jistipula l-proċedura baġitarja. Peress li d-deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat l-FEG għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżit formali ta' mill-inqas 250 ħaddiem li tilfu l-impjieg tagħhom f'perjodu speċifiku ta' referenza, mhux se jibqa' l-bżonn li ssir analiżi estensiva tal-isfond tas-sensji. Għalhekk, il-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi mobilizzat l-FEG, li kienu bbażati fuq tali analiżijiet, ma għadhomx meħtieġa. L-awtorità baġitarja se tiddeċiedi dwar talba ta' trasferiment. Il-Kummissjoni se tehmeż l-abbozz li jimplimenta d-deċiżjoni u sommarju qasir tal-applikazzjoni mat-talba ta' trasferiment. Din il-proċedura se tiżgura skjerament aktar mgħaġġel tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji.

Id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija stabbilita fl-Artikolu 23 propost. L-FEG se jibqa' taħt ġestjoni kondiviża, u ma jenħtieġ li ssir l-ebda bidla sinifikanti fid-dispożizzjonijiet dwar il-ħatra tal-korpi ta' implimentazzjoni, il-kwistjonijiet ta' awditjar, il-prevenzjoni tal-frodi.

2018/0202 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,[13]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,[14]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fl-implimentazzjoni tal-Fondi jenħtieġ li jiġu rispettati l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 tat-TFUE, inklużi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) tat-TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

(2) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[15] ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. Filwaqt li jitqiesu r-realtajiet li qed jinbidlu tad-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun lesta għall-isfidi attwali u futuri tal-globalizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni, billi tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u billi ttejjeb il-politiki tal-impjieg u dawk soċjali. L-għoxrin prinċipju ewlieni tal-Pilastru huma strutturati fuq tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. Jenħtieġ li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jaġixxi bħala qafas gwida ġenerali tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jippermetti lill-Unjoni tistabbilixxi l-prinċipji fil-prattika fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar.

---

13 ĠU C , , p. .

14 ĠU C , , p. .

15 http://ec.europa.eu/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/towards-european-pillar-social-rights_mt.

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill approva t-tweġiba tal-Unjoni[16] għall-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU"[17] - futur Ewropew sostenibbli. Il-Kunsill enfasizza l-importanza tal-kisba tal-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali), b'mod bilanċjat u integrat. Huwa essenzjali li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fil-qasam ta' politika tal-Unjoni, u li l-Unjoni tkun ambizzjuża fil-politiki li tuża biex tindirizza l-isfidi globali. Il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli" tat-22 ta' Novembru 2016 bħala l-ewwel pass fl-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fl-applikazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju gwida essenzjali għall-politiki kollha tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tagħha.

(4) Fi Frar 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"[18]. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jappoġġa l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa. Għalhekk, se jkun importanti ħafna li jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet, speċjalment dawk marbutin mad-diġitalizzazzjoni. Il-flessibbiltà baġitarja jenħtieġ li tkun prinċipju ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sabiex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti, u sabiex jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jintużaw fejn ikun hemm l-aktar bżonn urġenti.

(5) Fil-"White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa"[19], il-Kummissjoni tesprimi tħassib dwar il-movimenti ta' iżolazzjoni, dubji li jkomplu jikbru dwar il-benefiċċji tal-kummerċ miftuħ u l-ekonomija soċjali tas-suq tal-Unjoni b'mod ġenerali.

(6) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni"[20], il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħiliet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta' impjiegi li jeħtieġu livell aktar baxx ta' kwalifiki. Minkejja l-vantaġġi kbar ġenerali ta' kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, dawn l-effetti negattivi jenħtieġ li jiġu indirizzati. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumiex imqassma b'mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li l-avvanzi teknoloġiċi li qed jevolvu b'ritmu rapidu se jkomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà, se jkun jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu kondiviżi b'mod aktar ġust billi l-ftuħ ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati mal-protezzjoni soċjali.

(7) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE"[21], il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu d-diverġenzi ekonomiċi u soċjali bejn l-Istati membri u fihom. Għalhekk, il-prijorità ewlenija hija li jsir investiment fl-ugwaljanza, fl-inklużjoni soċjali, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ kif ukoll fis-saħħa.

(8) Il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika aktarx se jkomplu jżidu l-interkonnettività u l-interdipendenza tal-ekonomiji tad-dinja. Ir-riallokazzjoni tax-xogħol hija parti integrali

---

16 http://eu-un.europa.eu/eu-response-2030-agenda-sustainable-development-sustainable-european-future/.
17 https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld.
18 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1527774253584&uri=CELEX%3A52018DC0098
19 https://ec.europa.eu/commission/white-paper-future-europe-reflections-and-scenarios-eu27_mt.
20 https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_mt.
21 https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-future-eu-finances_mt.

u inevitabbli ta' tali bidla ekonomika. Jekk il-benefiċċji tal-bidla jitqassmu b'mod ġust, l-għoti ta' assistenza lil ħaddiema spostati u lil dawk mhedda bl-ispostament huwa ta' importanza kbira. Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar"[22], huwa l-istrument ta' politika tal-UE li jistabbilixxi l-qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Dan joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjieg tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Dan jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjieg, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv. L-istrumenti ewlenin tal-Unjoni li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li huwa maħsub biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FEG li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija b'mod reattiv.

(9) L-FEG ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] għall-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. L-FEG ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu l-impjiegi tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni.

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ġie estiż fl-2009 bir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku biex jinkludi l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom bħala konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(11) Għat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25], estenda l-kamp ta' applikazzjoni biex ma jkoprix biss l-ispostamenti tal-impjiegi li jirriżultaw minn taqlib ekonomiku serju kkawżat minn kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, iżda wkoll minn kwalunkwe kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida.

(12) Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG biex tivvaluta kif u kemm il-FEG jilħaq l-objettivi tiegħu. Il-FEG wera li huwa effettiv, u jilħaq rata ta' riintegrazzjoni ogħla ta' ħaddiema spostati milli fil-perjodu ta' programmar preċedenti. L-evalwazzjoni sabet ukoll li l-FEG iġġenera valur miżjud Ewropew. Dan huwa partikolarment minnu fit-termini tal-effetti tal-volum tiegħu, li jfisser li l-assistenza mill-FEG mhux biss iżid in-numru u l-varjetà ta' servizzi offruti, iżda anki l-livell ta' intensità tagħhom. Barra minn hekk, interventi tal-FEG ikollhom viżibbiltà għolja u juru l-valur miżjud tal-UE tal-intervent direttament lill-pubbliku ġenerali. Madankollu, ġew identifikati diversi sfidi. Min-naħa l-waħda, il-proċedura tal-

---

22 KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013)

23 Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1)

24 Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26).

25 Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

mobilizzazzjoni ġiet meqjusa bħala twila wisq. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri rrappurtaw problemi biex jiġbru l-analiżi estensiva tal-kuntest li fih seħħ l-avveniment li wassal għas-sensji. Ir-raġuni prinċipali li żżomm lill-Istati Membri li kieku kien ikollhom każ potenzjali tal-FEG milli japplikaw huma problemi finanzjarji u ta' kapaċità istituzzjonali. Minn banda, dan jista' jkun biss nuqqas ta' ħaddiema; bħalissa l-Istati Membri jistgħu jitolbu għal assistenza teknika biss jekk dawn jimplimentaw każ tal-FEG. Billi s-sensji jistgħu jseħħu bla mistenni, ikun importanti li l-Istati Membri jkunu lesti biex jirreaġixxu immedjatament u jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni mingħajr ebda dewmien. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri, jidher li jenħtieġu sforzi iktar pronfondi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-każijiet tal-FEG. Il-limitu ta' 500 impjieg spostat kien ġie kkritikat bħala għoli wisq, speċjalment f'reġjuni inqas popolati[26].

(13) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza kontinwa tar-rwol tal-FEG bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jitilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom isibu impjieg ieħor malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdi, appoġġ speċifiku ta' darba biex tkun iffaċilitata r-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema spostati f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ta' taqlib ekonomiku serju. Meta titqies l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, tal-bidla teknoloġika jew fatturi oħra bħat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u għalhekk meta jitqies il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi individwat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjiegi, fil-futur jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni tal-FEG tkun ibbażata biss fuq l-impatt sinifikanti ta' avveniment ta' ristrutturar. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u f'ċirkostanzi mhux mistennija, filwaqt li jikkumplimenta assistenza iktar antiċipatorja offruta mill-FSE+, jenħtieġ li l-FEG jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" u l-anness[27] tiegħu.

(14) Kif intqal, sabiex tinżamm in-natura Ewropea tal-FEG, jenħtieġ li tiskatta applikazzjoni għal appoġġ meta avveniment ta' ristrutturar kbir jikkawża impatt sinifikanti fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. Tali impatt jenħtieġ li jiġi ddefinit b'numru minimu ta' spostamenti tal-impjiegi f'perjodu speċifiku ta' referenza. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-limitu jiġi stabbilit għal 250 spostament ta' impjieg fi żmien perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (jew 6 xhur f'każijiet settorjali). Filwaqt li jitqies il-fatt li l-mewġ ta' sensji f'setturi differenti, iżda fl-istess reġjun ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol lokali, jenħtieġ li jkunu possibbli wkoll applikazzjonijiet reġjonali. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fil-każ ta' numru inqas ta' spostamenti tal-impjiegi.

(15) Sabiex tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni mal-ħaddiema spostati u mal-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, jenħtieġ li r-rata ta'

[26] COM (2018) 297 final u SWD (2018) 192 final li jakkumpanjah.
[27] SWD (2018) 171 final tal-Kummissjoni u l-anness tiegħu COM (2018) 321 final.

kofinanzjament tal-ispiża tal-pakkett ta' servizzi personalizzati u l-implimentazzjoni tiegħu tkun daqs dik tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv ikkonċernat.

(16) Jenħtieġ li parti mill-baġit tal-Unjoni allokata għall-FEG tiġi implimentata mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) [*number of the new Financial Regulation*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] ("ir-Regolament Finanzjarju"). Għaldaqstant, meta jimplimentaw l-FEG b'ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati jirrispettaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħal ġestjoni finanzjarja soda, trasparenza u nondiskriminazzjoni.

(17) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla, li huwa bbażat fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) f'Dublin, jagħti assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'analiżijiet kwalitattivi u kwantitattivi sabiex jgħin fil-valutazzjoni tat-tendenzi tal-globalizzazzjoni, tar-ristrutturar u tal-użu tal-FEG.

(18) Il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtiep li jkollhom aċċess ugwali għall-FEG, ikun xi jkun it-tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Għalhekk, ħaddiema spostati kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtieġ li jitqiesu bħala benefiċjarji tal-FEG possibbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(19) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG jenħtieġ li jiffokaw prinċipalment fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida tal-benefiċjarji f'impjieg sostenibbli, fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu. Jenħtieġ li l-miżuri jirriflettu l-ħtiġijiet mistennija fis-suq tax-xogħol lokali jew reġjonali. Madankollu, kull meta jkun rilevanti, jenħtieġ li tkun appoġġata wkoll il-mobbiltà tal-ħaddiema spostati biex isibu impjieg ġdid xi mkien ieħor. Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali. L-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jenħtieġ li tkun ristretta. Il-kumpaniji jistgħu jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw fil-kofinanzjament nazzjonali għall-miżuri li huma appoġġati mill-FEG.

(20) Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pakkett ikkoordinat tal-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffavorixxu miżuri li jkunu se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħabirku għar-riintegrazzjoni f'impjieg sostenibbli tal-akbar numru possibbli ta' benefiċjarji li jkunu qed jipparteċipaw f'dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli fil-perjodu ta' sitt xhur qabel ma jkun dovut ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-benefiċjarji żvantaġġati, inklużi ż-żgħażagħ qiegħda u dawk li huma aktar kbar fl-età kif ukoll dawk li jinsabu f'riskju ta' faqar, meta jkunu qed ifasslu l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, peress li dawk il-gruppi jesperjenzaw problemi partikolari biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Minkejja dan, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni, li huma fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni u li jinsabu minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jiġu rrispettati u promossi meta jkun qed jiġi implimentat l-FEG.

(22) Biex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal

28 ĠU L […], […], p. […].

kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG. F'każ li l-Kummissjoni titlob aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-żmien.

(23) Fl-interess tal-benefiċjarji u tal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, jenħtieġ li l-Istati Membri applikanti jżommu lill-atturi kollha li huma involuti fil-proċess tal-applikazzjoni mgħarrfa bil-progress tal-applikazzjoni.

(24) F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG ma jissostitwixxux il-miżuri ta' appoġġ li huma disponibbli għall-benefiċjarji fi ħdan il-fondi tal-Unjoni jew politiki jew programmi oħra tal-Unjoni iżda fejn hu possibbli jenħtieġ li jikkomplementawhom.

(25) Jenħtieġ li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom.

(26) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li n-nefqa tkun eliġibbli jew mid-data li fiha Stat Membru jibda jipprovdi servizzi personalizzati jew mid-data li fiha Stat Membru jġarrab nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEG.

(27) Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu b'mod speċjali matul l-ewwel xhur ta' kull sena, fejn il-possibilitajiet għal trasferimenti minn linji baġitarji oħra jkunu partikolarment diffiċli, jenħtieġ li jkun disponibbli ammont adegwat ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-linja baġitarja tal-FEG fil-proċedura baġitarja annwali.

(28) [Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' [future date] dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-baġit u dwar ġestjoni finanzjarja soda[29]("il-Ftehim Interistituzzjonali") jiddeterminaw il-qafas baġitarju tal-FEG].

(29) Fl-interess tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-assistenza ssir disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-FEG jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida u bla xkiel tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG. Għalhekk, fil-futur jenħtieġ li l-Awtorità Baġitarja tiddeċiedi fuq it-talbiet għal trasferiment sottomessi mill-Kummissjoni, li ma jeħtieġx Proposta tal-Kummissjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG.

(30) Fil-każ li xi intrapriża tagħlaq, il-ħaddiema spostati jistgħu jiġu megħjuna jieħdu f'idejhom xi wħud mill-attivitajiet jew l-attivitajiet kollha ta' min kien iħaddimhom qabel.

(31) Sabiex jippermettu skrutinju politiku mill-Parlament Ewropew u monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tar-riżultati miksuba bl-assistenza tal-FEG, jenħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-FEG.

(32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja u għall-ġestjoni u l-kontroll tal-azzjonijiet appoġġati mill-finanzjament tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju")[30], jew ir-Regolament suċċessur. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw

[29] Ir-referenza trid tiġi aġġornata.

[30] Ir-referenza trid tiġi aġġornata.

l-użu li jkun sar mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jkunu rċevew mill-FEG. Minħabba l-perjodu ta' implimentazzjoni qasir tal-operazzjonijiet tal-FEG, jenħtieġ li l-obbligi ta' rapportar jirriflettu n-natura partikolari tal-interventi tal-FEG.

(33) Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw b'mod effettiv kwalunkwe irregolarità, inkluż frodi mwettqa mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[31] u r-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2988/95[32] u Nru 2185/96[33], l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939[34], l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371[35] dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), lill-l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar is-sejba ta' irregolaritajiet inkluża l-frodi, u dwar is-segwitu tagħhom kif ukoll dwar is-segwitu tal-investigazzjonijiet tal-OLAF.

(34) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[2], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[3] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[4], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-

31 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

32 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

33 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

34 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p1).

35 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

Kunsill[5]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(35) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz tal-għotjiet, l-akkwist, il-premju, l-implimentazzjoni indiretta, u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabilità tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.

(36) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-13 ta' April 2016, hemm il-ħtieġa li dan il-programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi tal-monitoraġġ, filwaqt li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Fejn xieraq, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post.

(37) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE tappoġġa l-objettivi tal-klima. Matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-fond, se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu.

(38) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(39) Meta jitqies il-fatt li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali tal-forza tax-xogħol, it-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali jenħtieġ li jkun element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati offruti.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG).

Jistipula l-objettivi tal-FEG, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament, inklużi l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 7.

*Artikolu 2*

**Missjoni**

L-FEG għandu jikkontribwixxi għal distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni u tal-avvanz teknoloġiku billi jgħin lill-ħaddiema spostati jadattaw għal bidla strutturali. Bħala tali, l-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

*Artikolu 3*

**Objettivi**

1. L-objettiv ġenerali tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, imsemmija fl-Artikolu 5, u joffrilhom appoġġ.

2. L-objettiv speċifiku tal-FEG huwa li joffri assistenza f'avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, partikolarment dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

(a) "ħaddiem spostat" tfisser ħaddiem li l-impjieg tiegħu jintemm qabel iż-żmien minħabba l-għoti tas-sensja, jew li l-kuntratt tiegħu ma jiġġeddidx, minħabba raġunijiet ekonomiċi;

(b) "persuna li taħdem għal rasha" tfisser persuna li impjegat anqas minn 10 ħaddiema;

(c) "benefiċjarju" tfisser persuna li tipparteċipa f'miżuri kofinanzjati tal-FEG.

(d) "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implimentazzjoni tal-FEG, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jimposta nefqa mhux ġustifikata f'dan il-baġit.

*Artikolu 5*

**Kriterji ta' intervent**

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tiġi pprovduta f'avvenimenti ta' ristrutturar kbar li jirriżultaw f'dan li ġej:

(a) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 250 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż fejn dak il-waqfien japplika fil-fornituri tagħha jew fil-produtturi downstream;

(b) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 250 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur, partikolarment fl-SMEs, fejn kollha kemm huma joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkun jinsab f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 sakemm hemm aktar minn 250 ħaddiem jew persuni li jaħdmu għal rashom milqutin fi tnejn mir-reġjuni kombinati;

(c) il-waqfien ta' attività ta' aktar minn 250 ħaddiem spostat jew persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, partikolarment fl-SMEs, li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi differenti ddefiniti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jkunu jinsabu fl-istess reġjun iddefinit fil-livell NUTS 2.

3. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anke jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 mhumiex issodisfati bis-sħiħ. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG.

4. L-FEG ma jistax jiġi mmobilizzat meta l-ħaddiema jingħataw is-sensja bħala riżultat ta' tnaqqis fil-baġit li jittieħed minn Stat Membru, li jaffettwa lis-setturi li jiddependu mill-finanzjament pubbliku.

*Artikolu 6*

**Kalkolu tal-ispostamenti u tal-waqfien ta' attività**

1. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika l-metodu użat għall-kalkolu tan-numru ta' ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom iddefinit fl-Artikolu 4, għall-fini tal-Artikolu 5.

2. L-Istat Membru applikant għandu jikkalkula n-numru msemmi fil-paragrafu 1 kif inhu, f'waħda mid-dati li ġejjin:

(a) id-data meta l-impjegatur, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE [36], jgħarraf bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi pproġettati;

[36] Ir-referenza għandha tiġi verifikata/aġġornata: *Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi* (*ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16*)

(b) id-data tan-notifika individwali tal-impjegatur ta' tkeċċija mix-xogħol jew ta' tmiem tal-kuntratt tax-xogħol tal-ħaddiem;

(c) id-data ta' meta jintemm *de facto* l-kuntratt tax-xogħol jew tal-iskadenza tiegħu;

(d) tmiem id-delega mal-impriża utenti; jew

(e) għal persuna li taħdem għal rasha, id-data tal-waqfien tal-attivitajiet kif iddeterminat skont il-liġi nazzjonali jew dispożizzjonijiet amministrattivi.

Fil-każijiet imsemmija fil-punt (a), l-Istat Membru applikant għandu jipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali dwar in-numru reali ta' sensji li ngħataw skont l-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament, qabel ma titlesta l-valutazzjoni mill-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Benefiċjarji eliġibbli**

L-Istat Membru applikant jista' jipprovdi pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati skont l-Artikolu 8 kofinanzjat mill-FEG lill-benefiċjari eliġibbli, li jistgħu jinkludu:

(a) ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, ikkalkolati skont l-Artikolu 6, fil-perjodi ta' referenza previsti fl-Artikolu 5;

(b) ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, ikkalkolati skont l-Artikolu 6, barra l-perjodu ta' referenza previst fl-Artikolu 5; jiġifieri 6 xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza jew bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u l-aħħar jum qabel id-data meta titlesta l-valutazzjoni mill-Kummissjoni.

Il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu eliġibbli diment li tkun tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li jkun skatta s-sensji waqt il-perjodu ta' referenza.

*Artikolu 8*

**Miżuri eliġibbli**

1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati u, b'mod partikolari, dawk l-aktar żvantaġġati fost il-ħaddiema spostati, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti.

Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali hija element orizzontali obbligatorju ta' kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv.

Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jista' partikolarment jinkludi:

(a) taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfasslin apposta, inkluż f'ħiliet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u f'ħiliet oħrajn meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni tal-esperjenza miksuba, assistenza għat-tfittix ta' impjieg, gwida okkupazzjonali, servizzi konsultattivi, mentoraġġ, assistenza għar-

rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, assistenza għal impjieg indipendenti, għall-ftuħ ta' negozji u ta' teħid ta' kontroll mill-impjegati, u attivitajiet ta' kooperazzjoni;

(b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, inċentivi għar-reklutaġġ tal-impjegaturi, allowances għall-mobbiltà, allowances għat-taħriġ jew għas-sussistenza, inklużi allowances għall-persuni li jindukraw.

L-ispejjeż tal-miżuri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx jaqbżu l-35 % tal-ispejjeż totali għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu.

L-investimenti għal impjieg indipendenti, il-bidu ta' negozju jew it-teħid ta' kontroll mill-impjegati ma għandhomx jaqbżu l-EUR 20 000 għal kull ħaddiem spostat.

It-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Il-pakkett ikkoordinat għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, u għandu jiffoka wkoll fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u jqis id-domanda fis-suq tax-xogħol lokali.

2. Dawn il-miżuri li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG:

(a) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, li mhumiex kundizzjonali fuq il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati f'attivitajiet ta' tfittxija tax-xogħol jew ta' taħriġ;

(b) miżuri li huma r-responsabbiltà ta' intrapriżi skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Il-miżuri appoġġati mill-FEG ma għandhomx jissostitwixxu l-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

3. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi għandu jitfassal b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji speċifikati jew mar-rappreżentanti tagħhom, jew mas-sħab soċjali.

4. Fuq inizjattiva tal-Istat Membru applikant, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.

*Artikolu 9*

**Applikazzjonijiet**

1. L-Istat Membru applikant għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien 12-il ġimgħa mid-data meta jkunu ġew issodisfati l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(2) jew (3).

2. Fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jew, fejn applikabbli, mid-data li fiha l-Kummissjoni jkollha f'idejha t-traduzzjoni tal-applikazzjoni, tkun liema tkun l-aħħar waħda li tasal, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jkollha bżonn sabiex tivvaluta l-applikazzjoni.

3. Fejn tali informazzjoni addizzjonali tkun rikjesta mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tat-talba. Din l-iskadenza għandha tiġi estiża mill-Kummissjoni b'għaxart ijiem ta' xogħol, fuq talba debitament ġustifikata tal-Istat Membru kkonċernat.

4. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet rekwiżiti biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien 60 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli mit-traduzzjoni tal-applikazzjoni. Fejn il-Kummissjoni, ma tkunx tista' tirrispetta din l-iskadenza, għandha tagħti spjegazzjoni bil-miktub fejn tagħti r-raġunijiet tad-dewmien.

5. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) valutazzjoni tan-numru ta' sensji skont l-Artikolu 6, inkluż il-metodu ta' kalkolu;

(b) il-konferma li, fejn l-intrapriża li tat is-sensji kompliet għaddejja bl-attivitajiet tagħha wara li tkun tat is-sensji, hija tkun irrispettat l-obbligi ġuridiċi tagħha li jirregolaw is-sensjar;

(c) deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti li wasslu għall-ispostament tal-ħaddiema;

(d) l-identifikazzjoni, fejn applikabbli, tal-intrapriżi li taw is-sensji, il-fornituri jew il-produtturi downstream, is-setturi, u l-kategoriji ta' benefiċjarji speċifikati mqassma skont is-sess, il-grupp ta' età u l-livell tal-edukazzjoni;

(e) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali;

(f) deskrizzjoni ddettaljata tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u n-nefqa relatata, inkluż, b'mod partikolari, kwalunkwe miżura li tkun b'appoġġ għall-inizjattivi ta' impjiegi għall-benefiċjarji żvantaġġati, ta' età akbar u żgħażagħ;

(g) spjegazzjoni dwar kemm tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar, u kif il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi oħrajn nazzjonali jew tal-Unjoni, inkluż informazzjoni dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriżi li taw is-sensji kkonċernati skont il-liġi nazzjonali jew b'konformità mal-ftehimiet kollettivi;

(h) il-baġit stmat għal kull wieħed mill-komponenti tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati b'appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati u għal kwalunkwe attività ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar;

(i) għall-finijiet ta' evalwazzjoni, miri speċifiċi għall-każ indikattivi ddefiniti mill-Istat Membru fir-rigward tar-rata ta' impjieg mill-ġdid tal-benefiċjarji 6 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni;

(j) id-dati li fihom inbdew jew għad iridu jinbdew is-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati u l-attivitajiet biex jiġi implimentat l-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 8;

(k) il-proċeduri li ttieħdu biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji speċifikati jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra kif applikabbli;

(l) stqarrija ta' konformità tal-appoġġ mitlub mill-FEG bir-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif ukoll stqarrija li tiddeskrivi r-raġuni għaliex il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati ma jiħux post

il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;

(m) is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali u kofinanzjament ieħor jekk applikabbli.

*Artikolu 10*

**Komplementarjetà, konformità u koordinazzjoni**

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma għandhiex tieħu post miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

2. L-appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati għandu jikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali inklużi dawk kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tkun limitata għal dak li huwa neċessarju biex tipprovdi appoġġ ta' darba, b'mod temporanju, għall-benefiċjarji speċifikati. Il-miżuri appoġġati mill-FEG għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, inklużi r-regoli dwar għajnuna mill-Istat.

4. Skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istat Membru applikant għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-assistenza mill-fondi tal-Unjoni.

5. L-Istat Membru applikant għandu jiżgura li l-miżuri speċifiċi li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma jirċivux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 11*

**Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nondiskriminazzjoni**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jkunu parti integrali mill-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG u jiġu promossi matulha.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni msejsa fuq sess, identità sesswali, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali fl-aċċess għall-FEG u matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

*Artikolu 12*

**Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, perċentwal ta' mhux aktar minn 0.5 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG jista' jintuża għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u evalwazzjoni, inkluż is-sistemi corporate tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG u miżuri amministrattivi oħrajn u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmar futuri u preċedenti.

2. Suġġett għal-limitu massimu stabbilit fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti talba biex l-approprjazzjonijiet għall-assistenza teknika jiġi ttrasferiti

għal-linji baġitarji rilevanti b'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-assistenza teknika fuq inizjattiva tagħha stess taħt ġestjoni diretta jew indiretta skont il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.

4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-għoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-FEG. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal-FEG lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' task forces f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.

*Artikolu 13*

**Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil udjenzi multipli, inklużi informazzjoni mmirata lill-benefiċjarji, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-midja u l-pubbliku.

L-Istati Membri għandhom jużaw l-emblema tal-UE skont l-[Anness VIII tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni] flimkien ma' dikjarazzjoni sempliċi tal-finanzjament ("iffinanzjat/kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea").

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolarment, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-FEG, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar il-każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom abbażi ta' esperjenzi bl-iskop li ttejjeb l-effikaċja tal-FEG u tiżgura li ċ-ċittadini u l-ħaddiema tal-Unjoni jkunu jafu bil-FEG.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà jkun disponibbli fuq talba għall-Istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni, u l-Unjoni tingħata liċenzja mingħajr dritt dovut għall-użu ta' proprjetà, mhux esklussiva u irrevokabbli biex tuża dan il-materjal u kwalunkwe dritt preeżistenti marbut magħha. Il-liċenzja jagħti d-drittijiet li ġejjin lill-Unjoni:

- użu intern, jiġifieri d-dritt li tirriproduċi, tikkopja u tagħmel disponibbli materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà għall-UE u għall-istituzzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji u l-impjegati tagħhom;
- ir-riproduzzjoni ta' materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà b'kull mezz u f'kull forma, bis-sħiħ jew parzjalment;
- il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà bl-użu ta' kwalunkwe u kull mezz ta' komunikazzjoni;
- id-distribuzzjoni lill-pubbliku ta' materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà (jew kopji tiegħu) fi kwalunkwe u f'kull forma;
- il-ħżin u l-arkivjar ta' materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà

- is-sublićenzjar tad-drittijiet ta' materjal ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà lil partijiet terzi

Jistgħu jingħataw drittijiet addizzjonali lill-Unjoni.

4. Ir-riżorsi allokati għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll sabiex tiġi koperta l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm ikunu relatati mal-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 14*

**Determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 u b'mod partikolari wara li tikkunsidra n-numru ta' benefiċjarji speċifikati, il-miżuri proposti u l-istima tal-ispejjeż, tevalwa u tipproponi mill-aktar fis possibbli l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk teżisti, li jista' jsir fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.

2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għall-miżuri offruti għandha tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv.

3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura spjegata fl-Artikolu 16.

4. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni li tkun saret skont l-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja ma jkunux ġew issodisfati taħt dan ir-Regolament, hija għandha immedjatament tinnotifika lill-Istat Membru applikant.

*Artikolu 15*

**Perjodu ta ' eliġibbiltà**

1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-dati stabbiliti fl-applikazzjoni skont il-punt (j) tal-Artikolu 9(5) li fihom l-Istat Membru kkonċernat jibda, jew huwa mistenni li jibda jipprovdi s-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati jew iġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex jiġi implimentat l-FEG, skont l-Artikolu 8 (1) u (4).

2. L-Istat Membru għandu jwettaq il-miżuri eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 8 mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.

3. Il-perjodu ta' implimentazzjoni huwa l-perjodu mid-dati stabbiliti fl-applikazzjoni skont il-punt (j) tal-Artikolu 9(5) li fih l-Istat Membru kkonċernat jibda s-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati u l-attivitajiet biex jiġi implimentat l-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 8, u jintemm 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.

4. Fejn benefiċjarju jidħol għal kors edukattiv jew ta' taħriġ li jdum sentejn jew aktar, in-nefqa għal tali kors għandha tkun eliġibbli għall-kofinanzjament tal-FEG sad-data meta mistenni joħroġ ir-rapport finali msemmi fl-Artikolu 20(1), kemm-il darba n-nefqa rilevanti tkun iġġarrbet qabel dik id-data.

5. In-nefqa skont l-Artikolu 8(4) għandha tkun eliġibbli sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali skont l-Artikolu 20(1).

*Artikolu 16*

**Proċedura baġitarja u implimentazzjoni**

1. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ikunu ġew issodisfati, din għandha tissottometti talba għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

2. It-talba ta' trasferiment jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn sommarju tal-eżaminazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Din id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fit-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 17*

**Il-pagament u l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16(3), il-Kummissjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat f'pagament uniku ta' prefinanzjament ta' 100 %, fil-prinċipju fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol. Il-prefinanzjament għandu jiġi approvat ladarba l-Istat Membru jissottometti d-dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa skont l-Artikolu 20(1). L-ammont li ma jintefaqx għandu jiġi rimborżat lill-Kummissjoni.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi implimentata skont ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju.

3. It-termini tekniċi ddettaljati tal-finanzjament għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 16(3).

4. Meta jwettaq il-miżuri li jinsabu fil-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, l-Istat Membru kkonċernat jista' jissottometti proposta lill-Kummissjoni sabiex jemenda l-azzjonijiet inklużi biż-żieda ta' miżuri eliġibbli oħrajn elenkati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 8(1), sakemm dawk l-emendi jkunu debitament ġustifikati u ma jaqbżux il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 16(3). Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-emendi proposti u, jekk taqbel magħhom, għandha temenda d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont dan.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu l-flessibbiltà li jalloka mill-ġdid l-ammonti bejn il-partiti tal-baġit stabbiliti fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16(3). F'każ li riallokazzjoni taqbeż iż-żieda ta' 20 % għal partita waħda jew aktar mill-partiti speċifikati, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel.

*Artikolu 18*

**Użu tal-euro**

L-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u r-rapporti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament, kif ukoll kwalunkwe dokument relatat ieħor, għandu jesprimi l-ammonti kollha f'euro.

*Artikolu 19*

**Indikaturi**

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness.

2. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati għall-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25 biex temenda l-indikaturi fl-Anness fejn jitqies neċessarju biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-użu tal-fond.

*Artikolu 20*

**Ir-rapport finali u l-għeluq**

1. Sa mhux aktar tard mit-tmiem tas-seba' xahar wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 15(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta rapport finali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, inkluż informazzjoni dwar:

   (a) it-tip ta' miżuri u r-riżultati prinċipali, li jispjegaw l-isfidi, it-tagħlimiet meħuda, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' fondi oħra tal-UE u li tindika, fejn ikun possibbli, il-komplementarjetà tal-miżuri ma' dawk iffinanzjati minn programmi oħra nazzjonali jew tal-Unjoni f'konformità mal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar;

   (b) l-ismijiet tal-korpi li jwettqu l-pakkett ta' miżuri fl-Istat Membru,

   (c) l-indikaturi stabbiliti fl-Artikolu 19;

   (d) ir-riżultati ta' stħarriġ tal-benefiċjarju mwettaq sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni, li għandu jkopri l-bidla perċepita fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji, jew għal dawk li diġà sabu impjieg, aktar informazzjoni dwar il-kwalità tal-impjieg li jkun instab, bħall-bidla fis-sigħat tax-xogħol, il-livell ta' responsabbiltà jew il-bidla fil-livell tas-salarju meta mqabbel mal-impjieg preċedenti, u s-settur li fih il-persuna tkun sabet impjieg u t-tqassim ta' din l-informazzjoni skont is-sess, il-grupp ta' età u l-livell tal-edukazzjoni;

   (e) jekk l-impriża li tat is-sensji, bl-eċċezzjoni tal-mikrointrapriżi u l-SMEs, kienet benefiċjarja ta' għajnuna mill-Istat jew ta' finanzjament preċedenti mill-fondi ta' koeżjoni jew strutturali tal-Unjoni fil-ħames snin ta' qabel;

   (f) dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa.

2. Sa mhux aktar tard mit-tmiem tad-dsatax-il xahar wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 15(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti s-sett tad-data

sempliċi li jinforma l-indikatur tar-riżultati fuq żmien itwal speċifikat fil-punt (3) tal-Anness:

3. Sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 1, għandha tagħlaq il-kontribuzzjoni finanzjarja billi tiddetermina l-ammont finali tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG u, jekk ikun hemm, il-bilanċ li għandu jitħallas mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 24. L-għeluq għandu jkun jiddependi mill-provvdiment tal-indikatur tar-riżultati fuq żmien itwal skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 21*

**Rapport biennali**

1. Sal-1 ta' Awwissu 2021 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv, kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 li saru fis-sentejn ta'qabel. Ir-rapport għandu jiffoka prinċipalment fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG u b'mod partikolari għandu jkun fih informazzjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjonijiet sottomessi, mad-deċiżjonijiet adottati, mal-miżuri ffinanzjati, inkluża l-istatistika dwar l-indikaturi stabbiliti fl-Anness, u l-komplementarjetà ta' tali miżuri ma' miżuri ffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-FSE+, u informazzjoni relatata mal-għeluq tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkunu saru u għandu jiddokumenta wkoll dawk l-applikazzjoniijiet li jkunu ġew irrifjutati jew imnaqqsa minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet suffiċjenti jew in-nuqqas ta' eliġibbiltà.

2. Ir-rapport għandu jiġi trasmess għall-informazzjoni lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lis-sħab soċjali.

*Artikolu 22*

**Evalwazzjoni**

1. Kull erba' snin, fuq inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG.

2. Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu trażmessi, għall-informazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lis-sħab soċjali. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet għandhom jitqiesu għat-tfassil ta' programmi ġodda fil-qasam tal-impjiegi u tal-affarijiet soċjali jew l-iżvilupp ulterjuri ta' programmi eżistenti.

3. L-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu statistika rilevanti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjari, imqassma skont l-Istat Membru.

4. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-FEG biex jikseb l-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25 biex temenda l-Anness biex tirrevedi jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies neċessarju u biex tissuplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni.

*Artikolu 23*

**Ġestjoni u kontroll finanzjarju**

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni biex timplimenta l-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-miżuri appoġġati mill-FEG u l-kontroll finanzjarju tal-miżuri. Il-passi li jieħdu għandhom jinkludu:

   (a) il-verifika li ġew stabbiliti l-ftehimiet tal-ġestjoni u l-kontroll u li qed jiġu implimentati b'tali mod li jiżguraw li l-fondi tal-Unjoni qed jintużaw b'mod effiċjenti u korrett, b'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

   (b) l-iżgurar li t-twassil tad-data tal-monitoraġġ huwa rekwiżit obbligatorju f'kuntratti mal-korpi li jwettqu l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati;

   (c) il-verifika li l-miżuri ffinanzjati twettqu kif xieraq;

   (d) l-iżgurar li l-infiq iffinanzjat huwa bbażat fuq dokumenti ta' ġustifikazzjoni verifikabbli, u huwa legali u regolari;

   (e) il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet inkluż il-frodi u l-irkupru ta' ammonti li tħallsu mingħajr ma kienu dovuti flimkien mal-interessi fuq pagamenti tard fejn xieraq. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-irregolaritajiet, inkluż il-frodi lill-Kummissjoni.

2. Għall-għanijiet tal-Artikolu [63(3)?] tar-Regolament Finanzjarju, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-korpi responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll tal-miżuri appoġġati mill-FEG. Dawk il-korpi għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni stabbilita fl-[Artikolu 63(5), (6) u (7) ?] tar-Regolament Finanzjarju dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja meta jissottomettu r-rapport finali msemmi fl-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament.

   Fejn l-awtoritajiet maħtura skont ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jkunu pprovdew biżżejjed garanziji li l-pagamenti huma legali u regolari, u kkontabilizzati kif xieraq, l-Istat Membru kkonċernat jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li dawn l-awtoritajiet huma kkonfermati skont dan ir-Regolament. F'dan il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika liema awtoritajiet huma kkonfermati u li l-funzjoni tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa fejn tkun aċċertata irregolarità. Il-korrezzjonijiet magħmula mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fit-tħassir ta' parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja jew tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha. Fejn jirriżulta li kien hemm irregolarità l-Istati Membri għandhom jirkupraw kull ammont li tħallas indebitament, iħallsu lura lill-Kummissjoni u, meta l-ammont ma jitħallasx f'waqtu fil-limitu ta' żmien mogħti mill-Istat Membru involut, għandu jitħallas l-imgħax.

4. Il-Kummissjoni, fir-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, għandha tieħu l-passi kollha neċessarji biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu b'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru applikant biex jiżgura li għandu sistemi ta' maniġment u ta' kontroll li qed jaħdmu tajjeb. Il-Kummissjoni għandha tivverifika hija stess l-eżistenza ta' dawn is-sistemi.

   Għal dak l-iskop, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti tal-Awdituri jew għall-verifiki magħmulin mill-Istat Membru skont il-liġijiet, regolamenti u

dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, l-uffiċjali jew impjegati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fil-post, inklużi verifiki rappreżentattivi, dwar il-miżuri ffinanzjati mill-FEG b'avviż li jintbagħat fiż-żmien minimu ta' jum ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru applikant bl-iskop li takkwista l-assistenza neċessarja meħtieġa. Uffiċjali jew impjegati tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25 biex tissupplimenta l-paragrafu 1(e) billi tistabbilixxi il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' irregolarità li jridu jiġu rrappurtati u d-data li trid tiġi pprovduta.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format li għandu jintuża għar-rappurtar tal-irregolaritajiet skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 26(2) sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni li jirrigwardaw in-nefqa magħmula jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għal perjodu ta' tliet snin wara l-għeluq ta' kontribuzzjoni finanzjarja riċevuta mill-FEG.

*Artikolu 24*

**Irkupru tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. F'każijiet fejn l-ispiża attwali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tkun inqas mill-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont korrispondenti wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi ddikjarati fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja jew ma jkunx konformi mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 23(1), hija għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. Jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni biex tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa billi tikkanċella l-kontribuzzjoni kollha tal-FEG għall-miżura inkwistjoni jew parti minnha. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien 12-il xahar wara li jkunu waslu l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru. Fejn jirriżulta li kien hemm irregolarità l-Istat Membru kkonċernat għandu jirkupra kull ammont li tħallas indebitament, meta l-Istat Membru applikant ma jħallasx l-ammont fil-limitu ta' żmien mogħti, għandu jitħallas l-imgħax moratorju.

*Artikolu 25*

***Eżerċizzju tad-delega***

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(3) u fl-Artikolu 23(5) għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19(3) u l-Artikolu 23(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta'

revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(3) u l-Artikolu 23(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 26*

***Proċedura ta' Kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 27*

**Dispożizzjoni tranżitorja**

Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 għandu jibqa' japplika għall-applikazzjonijiet sottomessi sal-31 ta' Diċembru 2020. Dan għandu japplika sal-għeluq tal-każijiet rispettivi.

*Artikolu 28*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika għall-applikazzjonijiet sottomessi mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

**<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI</u>**


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5. Durata u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG). |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

| |
|---|
| Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni kif inkluż fil-Pjan ta' Ġestjoni għall-2018 tad-DĠ EMPL |

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

**☐ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja[37]**

**☑ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Ir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 irid jiġi rivedut sal-aħħar tal-2020. Ir-reviżjoni, li titwettaq permezz ta' Proposta għal Regolament, tippermetti li l-Fond ikompli, jkabbar l-objettiv tiegħu li joffri appoġġ lil ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet waqt avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, u jemenda xi dettalji tekniċi biex ikun hemm aktar koerenza u sinerġiji, flessibbiltà, fokus fuq il-prestazzjoni, u simplifikazzjoni. |

*1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

| |
|---|
| Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (*ex post*) previst permezz tal-FEG jagħmilha possibbli li jiġu kkumplimentati miżuri nazzjonali biex jiġu riintegrati l-ħaddiema li ngħataw is-sensja billi joffilhom kombinazzjoni unika ta' miżuri mfasslin apposta li jwasslu għal riżultati aktar sostenibbli, iżidu l-istima personali tal-benefiċjarji, li fl-aħħar ikollhom approċċ aktar proattiv fit-tfittxija tal-impjiegi, u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom. L-esperjenza miksuba sa issa mill-FEG tindika li l-għajnuna offruta ma kinetx tkun disponibbli mingħajr l-involviment tal-FEG. |

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

| |
|---|
| Ara l-esperjenza miksuba taħt ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 kif stipulat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Proposta għal Regolament. |

[37] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

L-FSE+ u l-FEG se jibqgħu jikkumplimentaw lil xulxin, hekk kif l-FSE+ se jkompli jiffunzjona bħala fond preventiv u antiċipatorju, filwaqt li l-FEG se jibqa' Fond reattiv ta' emerġenza barra mill-QFP. Pereżempju, l-FSE+ se jikkomplementa l-FEG billi jappoġġa b'mod proattiv miżuri adegwati f'żoni li jinsabu f'riskju minħabba l-isfidi ekonomiċi prevedibbli. L-appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati għandu jikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali inklużi dawk ikkofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR).

## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

☑ **durata limitata**

– ☑ b'effett mill-01/01/2021

– ☑ L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2021 sal-2031 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS, segwita minn operazzjoni bi skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[38]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☑ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| […]<br>[…] |

[38] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-Artikolu 21 tar-Regolament propost jeżiġi li kull sentejn il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwalitattiv u kwantitattiv dwar l-attivitajiet imwettqa skont ir-Regolament propost kif ukoll skont ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 fis-sentejn ta' qabel. Dan ir-rapport għandu jiffoka prinċipalment fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG u għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni li għandha x'taqsam mal-applikazzjonijiet sottomessi, mad-deċiżjonijiet adottati, mal-miżuri ffinanzjati,

Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament propost, qabel tmiem it-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni *interim* dwar il-finanzjament mobilizzat tal-FEG. Sal-31 ta' Diċembru 2029, il-Kummissjoni hija meħtieġa twettaq evalwazzjoni *ex post* tal-finanzjament mobilizzat tal-FEG.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti*

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju huma stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament propost.

Il-FEG huwa u se jibqa' taħt ġestjoni kondiviża. L-esperjenza wriet li pakkett ta' servizzi personalizzati mfassla apposta jeħtieġ li jitfassal mill-awtorità li hija l-eqreb taċ-ċittadini. Skont l-Istat Membru u t-tip ta' każ ta' ristrutturar, din normalment tkun awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali. Għalhekk, il-kompiti ta' implimentazzjoni se jiġu ddelegati lill-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-intervent tal-UE huwa meħtieġ minħabba d-daqs tal-impatt tas-sensji, iżda skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà se jiġi limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi li l-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema spostati.

Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u ċirkostanzi mhux mistennija, l-FEG għandu jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Il-mekkaniżmu tal-mobilizzazzjoni huwa stabbilit fl-Artikolu 16 tar-Regolament propost. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat f'pagament uniku ta' prefinanzjament ta' 100 %.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji huma dawk marbuta mal-ġestjoni konġunta tal-Fondi Komunitarji.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju huma stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament propost.

F'termini tar-rata ta' errur(i) mistennija, f'dan l-istadju tal-proposti leġiżlattivi, l-għan hu li r-rata ta' errur tinżamm taħt il-limitu ta' 2%. Limitu tal-materjalità differenti jista' jiġi diskuss biss abbażi ta' każ b'każ fid-dawl tad-dibattitu leġiżlattiv, partikolarment meta l-Awtorità Leġiżlattiva ma tapprovax (bis-sħiħ) is-simplifikazzjonijiet tal-programm proposti u/jew tillimita l-kontrolli, li jkollu konsegwenzi fuq ir-rata ta' errur mistennija. Dan imbagħad jirrikjedi approċċ koordinat.]

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-miżuri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet huma stipulati fl-Artikolu 23(1)(e) u fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament propost.

Fil-każ tal-fondi ta' ġestjoni kondiviża hemm l-Istrateġija Konġunta Kontra l-Frodi (JAFS) għall-2015-2020 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd li hija aktar speċifika.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija kontra l-frodi (COM(2011)376 final tal-24.6.2011) tilqa' l-istrateġija eżistenti bħala inizjattiva tal-aqwa prattika u tipprevedi azzjonijiet komplimentari għaliha, bl-aktar importanti tkun li l-proposta tal-Kummissjoni għar-regolamenti tal-2014-2020 jeħtieġu lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ miżuri tal-prevenzjoni tal-frodi. Il-proposta attwali tal-Kummissjoni tinkludi rekwiżit espliċitu biex tali miżuri jiġu implimentati. Dan għandu jsaħħaħ aktar l-għarfien dwar il-frodi fl-Istati Membri fost il-korpi kollha involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi u b'hekk inaqqas ir-riskju tal-frodi.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Strument barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 | Diff./Mhux diff.[39]. | mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[40] | mingħand il-pajjiżi kandidati[41] | mingħand pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| mhux applikabbli | 17 01 01 Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | Mhux diff. | L-EBDA | L-EBDA | L-EBDA | L-EBDA |
| mhux applikabbli | 17.04 Nefqa operazzjonali għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | Diff. | L-EBDA | L-EBDA | L-EBDA | L-EBDA |
| mhux applikabbli | 30.03 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | Diff | L-EBDA | L-EBDA | L-EBDA | L-EBDA |

39 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
40 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
41 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | <…> | Strument speċjali barra mil-limiti massimi tal-QFP |
|---|---|---|

| | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17.04 Nefqa operazzjonali għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | Impenji | (1) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | p.m. |
| | Pagamenti | (2) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| 30.03 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[42] | Impenji | (1) | 212 | 216 | 221 | 225 | 230 | 234 | 239 | | 1.578 |
| | Pagamenti | (2) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | p.m. |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[43] | Impenji = Pagamenti | (3) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | mhux applikabbli |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =1+3 | 212 | 216 | 221 | 225 | 230 | 234 | 239 | | 1.578 |
| | Pagamenti | =2+3 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | p.m. |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

[42] Iċ-ċifri indikati hawn fuq huma l-ammonti massimi disponibbli kull sena għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

[43] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | | **10.045** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | | mhux applikabbli |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | | **10.045** |

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | | **10.045** |
| | Pagamenti | | | | | | | | | |

Għal nefqa amministrattiva oħra, il-pakkett globali kollu jidher taħt id-dikjarazzjoni financila leġiżlattiva tal-FSE+.

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | **10.045** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | **10.045** |
| **barra mill-INTESTATURA 7[44] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | 1.435 | **10.045** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

44 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 | 9 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED** [45]<br>Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinazjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [46] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **11** | **11** | **11** | **11** | **11** | **11** | **11** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Janalizzaw u jiddiskutu l-applikazzjonijiet tal-FEG sottomessi mill-Istati Membri. Iħejju d-dokumentazzjoni għall-applikazzjonijiet tal-FEG li qed jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Baġitarja; jikkonsultaw u jiddiskutu mas-Servizzi tal-Kummissjoni rilevanti matul il-fluss tax-xogħol kollu tagħhom. Jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Iħejju u/jew jiddiskutu l-modifiki rilevanti għall-applikazzjonijiet sottomessi. |
| Persunal estern | Janalizza u jiddiskuti l-applikazzjonijiet tal-FEG sottomessi mill-Istati Membri. Iħejji d-dokumentazzjoni għall-applikazzjonijiet tal-FEG li qed jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Baġitarja; jikkonsulta u jiddiskuti mas-Servizzi tal-Kummissjoni rilevanti matul il-fluss tax-xogħol kollu tiegħu. Jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Iħejji u/jew jiddiskuti l-modifiki rilevanti għall-applikazzjonijiet sottomessi. |

45 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

46 Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### *3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Natura tal-proposta/tal-inizjattiva[47] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

47 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.